- *Prinċipju tal-ekwipollenza*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM 28 ta' Settembru 2020**

**Rikors Nru. 272/14 GM**

**Robert Cachia (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 649060M)**

**vs**

**Patrick Cachia (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 179954M) u martu Maria Anna Cachia (detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 184355M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attur, wara li ppremetta illi:-

1. Huwa ġuvni u m'għandux tfal.

2. Kien jaħdem għal diversi snin sakemm waqaf meta kien ġie *boarded out*.

3. Il-paga dejjem kien ifaddalha u kien iżommha ġewwa kaxxa li għadha sallum fil-pusess tiegħu.

4. Dak iz-żmien kien jgħix m'ommu u ma' zitu ġewwa d-dar li għandu ġewwa Jafar Street.

5. Sussegwentement mietet ommu u safa waħdu.

6. Il-konvenut Patrick Cachia, li jiġi ħuh, kien qallu sabiex jgħaddielu l-flus kollha li kellu ġol-kaxxa għax ma kienx sew li qiegħed iżżommhom għandu d-dar għax jaf jisirqu xi ħadd.

7. Kien taħ il-flus kollha li kellu mfaddlin ġewwa din il-kaxxa għax kien jafdah.

8. Żmien wara l-konvenut informah li ried jgħaddielu lura l-flus li kellu fil-pussess tiegħu sa dakinhar, li skont l-istess konvenut kienu ġew investiti u kienu mmaturaw f'somma akbar minn dik li kien hemm fil-kaxxa.

9. Beda jitlob rendikonti lil huħ iżda dan beda jsemmi ħafna ċifri, meta l-ebda waħda minnhom ma tirrifletti ċ-ċifri proprja ta' flus li kellu.

10. Qiegħed jippreżenta kopja ta' żewġ ċekkijiet li juru ftit mill-flejjes li għadhom fil-pussess tal-konvenut; annessi u mmarkati bħala dokument RC1 u kif ukoll *statement* maħruġ mill-Bank APS Bank Malta li juri l-imgħaxijiet li telgħu fuq xi wħud mis-somom li hemm għand il-konvenut, Dok RC2.

11. Ma ngħatax rendikont vertier allavolja l-konvenuti ġew interpellati sabiex jagħmlu hekk diversi drabi u l-flejjes ma ġewx ritornati.

12. Interpellati diversi drabi, il-konvenuti bdew jagħtu ċifri li ma jirriflettux l-ammont vera ta' flus li huma kellhom fil-pussess tagħhom u li jagħtu rendikont veritier ta' x'sar minnhom u fejn qegħdin dawn il-flus.

13. Dan l-aġir ikkawżalu danni nġenti.

Talab lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti kkawżawlu danni.

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-atturi rikorrenti bl-aġir tal-istess konvenuti.

3. Tillikwida d-danni bl-opera ta' periti u esperti nominandi jekk ikun il-każ.

4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsuh is-somma li tiġi hekk likwidata.

Rat ir-Risposta Ġuramentata li permezz tagħha l-konvenuti eċċepew illi:-

1. L-allegazzjonijiet huma infondati kemm bħala fatt kif ukoll bħala dritt u dan kif ser jiġi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

2. Patrick Cachia kien iżomm rendikont dettaljat u vertier u bħala fatt ir-rendikont li ta lir-rikorrenti jirrifletti is-sitwazzjoni finanzjarja eżatta tal-intimat.

3. L-attur ma sofra ebda danni għax hemm rendikont ta' kollox u mhu dovut xejn għal dak li kien ġja offrut.

4. Din il-kawża hija kawża frivola u vessatorja u mmirata sabiex l-attur jipprova jakkwista xi ħaġa oħra minn dak dovut lilu u sabiex jipprova jirrikatta lill-ħuh iċedi għal somma akbar minħabba l-mandat ta' sekwestru li ġie intavolat;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-każ;

Rat il-verbal tagħha tat-13 t'Ottubru 2018 li permezz tiegħu ordnat l-isfilz tal-affidavit tax-xhud Raymond Coleiro[1];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol 1280

***Fatti:***

L-attur u l-konvenut huma aħwa. L-attur huwa ġuvni u beda jaħdem meta kellu sbatax-il sena. Għall-bidu kien ma' tad-Dejma, imbagħad bħala *helper* f'diversi lukandi. Kien jgħix flimkien m'ommu u z-zija t'ommu Gejtana Seguna ġewwa 15, Triq Gafar, Sliema, Malta.

Fl-1997 omm l-aħwa Cachia ġiet nieqsa u għalhekk ħut l-attur kellhom jieħdu ħsiebu huma, kienu jaħslulu l-ħwejjeġ u jeħdulu l-ikel. L-attur baqa' jaħdem u jgħix ma' Gejtana Seguna. Għall-ħabta li ġiet nieqsa l-omm, il-konvenut jispjega illi Gejtana sejħitlu d-dar tas-Sliema u ġibditlu l-attenzjoni illi l-attur kien iżomm il-flus id-dar. Skont il-konvenut, kien hemm Lm9,400 u kif ra hekk, ħa lill-attur miegħu l-Bank of Valletta, **fetaħ kont fuq isem l-attur** u ddepożita l-flus hemm. Imbgħad, kwazi kull xahar l-attur kien jiddepożita ċ-ċekk tal-paga hu stess u xi drabi jiddepożitahomlu l-konvenut.

Fit-2006 Gejtana ġiet rikoverata fl-isptar St Vincent de Paul u għalhekk l-attur safa' waħdu. Il-konvenut kien imur ta' kull filgħaxija sabiex jorqod fl-istess dar mal-attur. Dam jagħmel hekk madwar erba' snin sakemm ma setax jibqa' jorqod kuljum barra daru u kien issuġġerixxa lil oħthom Lydia sabiex tmur toqgħod mal-attur ġewwa d-dar tas-Sliema u hekk setgħet tieħu ħsiebu hi filwaqt li tieħu ħsieb flusu ukoll. Għalhekk fl-2010 Lydia marret toqgħod mal-attur tas-Sliema u bdiet tieħu ħsiebu hi. Mill-2010 il-konvenut ma baqax jiddepożita l-flus tal-attur il-bank, iżda kien kollox f'idejn Lydia. Waqt il-kontro-eżami tiegħu, l-attur jistqarr illi minn meta bdiet tieħu ħsiebu Lydia, ma poġġiex flus aktar il-bank, filfatt m'għandux flus miġmugħin il-bank għax jagħti kollox lilha. Lydia damet toqgħod tas-Sliema tlett snin u sussegwentament marret toqgħod ġo appartament San Ġwann u ħadet lill-attur magħha.

Il-konvenut għen sabiex tinbeda l-proċedura biex l-attur jiġi *boarded out*. Il-konvenut spjegalu li peress li kellu ċertu ammont ta' flus miġmugħin il-Bank, aħjar ma jibqgħux f'ismu ħalli jkun jista' jirċievi l-benefiċċji soċjali. Skond il-konvenut, l-attur xtaq illi dawn il-flus jitpoġġew fuq isem il-konvenut u mhux fuq xi ħadd mill-aħwa l-oħra. Dan xehdu ukoll ħuhom il-kbir Edwin Cachia għaliex l-attur kien jafda ħafna lill-konvenut li kien dejjem hemm għalih kull meta kellu bżonn, mhux bżonnijiet ta' kuljum biss iżda anke' meta kien ikollu bżonn imur ġo xi dipartiment tal-gvern kien imur miegħu hu. Kien iwasslu ukoll ħdejn iz-zija sakemm l-attur imbagħad tgħallem jaqbad tal-linja waħdu.

Għalhekk il-konvenut ħareġ il-flus li kienu fuq isem l-attur ġewwa l-Bank of Valletta, li sadanittant kienu żdiedu fl-ammont, u poġġihom fl-APS Bank fuq

ismu personali. Il-konvenut ippreżenta kopja ta' *statement* ta' kont miftuħ mal-APS Bank fuq ismu personali datat 26 ta' Ottubru 2005 li juri bilanċ ta' Lm20,400[2]. Li jfisser li l-flus inizjalment iddepożitati fil-Bank of Valletta f'isem l-attur kienu rduppjaw.

Minn dak inhar, kull ammont ta' flus li jappartjenu lill-attur, dejjem ġie ddepożitat ġewwa l-APS Bank. Il-flus tal-benefiċċji soċjali, l-attur kien jgħix bihom u l-ftit li kien jibqalu jġemmagħhom il-bank fil-kont li kien f'isem il-konvenut.

L-attur jallega illi oriġinarjament lill-konvenut tah Lm20,000 sabiex jiddepożitahomlu l-bank, iżda jgħid li l-konvenut poġġa nofshom il-bank fuq ismu u n-nofs l-ieħor ħallihom id-dar tiegħu – iżda dan mhu sostnut bl-ebda prova oħra. Illi Zoe Ciantar prodotta mill-attur, ukoll xehdet li kienet semgħet lil Lydia tgħid li l-konvenut kien poġġa Lm20,000 tal-attur il-Bank. Lydia kienet taf dan mingħand oħtha Valerie Coleiro kienet qaltilha li z-zija Gaetana nfurmatha li l-attur kellu Lm20,000 imfaddla u rat il-kaxxa tal-ħadid li kien iżommhom fiha. L-attur jallega li sallum il-ġurnata, dawk Lm20,000 telgħu għal madwar €100,000 li għadhom fil-pussess tal-konvenut. Id-depożizzjoni taż-żewġ xhieda l-oħra iżda mhix ammissibbli għaliex hija *hearsay evidence*; filwaqt li l-attur ma spjegax kif wasal għall-ammont ta' €100,000.

Illi l-piż tal-prova li l-attur kellu madwar Lm20,000 fi flus kontanti jinkombi lilu. Il-konvenut m'għandu għalfejn jipprova xejn. Il-Qorti mhix sodisfatta bil-livell tal-prova prodotta mill-attur f'dan ir-rigward. Il-verżjoni inizjali tal-attur kienet illi kien ifaddal il-paga kollha tiegħu mingħajr ma jonfoq xejn, ma kellu l-ebda kapriċċ u lanqas kien joħroġ imkien. Jallega li lanqas spejjeż f'ikel ma kellu għax kienu jippreparawlu ommu meta kienet għadha ħajja u meta ġiet nieqsa, kienu jieħdu ħsiebu ħutu. B'danakollu, fil-kors tas-smiegħ tal-provi, l-attur biddel il-verżjoni tiegħu u ammetta li kien jagħmel ċertu spejjeż u jħallas nofs il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma tad-dar fejn kien jabita. Dan fil-perjodu meta kien iżomm il-flus kontanti fil-kaxxa.

Għall-bidu, il-flus ma tpoġġewx fuq isem il-konvenut imma fuq isem l-attur f'kont tal-Bank of Valletta plc. Il-piż tal-prova tal-ammont inizjali jinkombi fuq l-attur. Il-konvenut ma kellu għalfejn jipprova xejn. L-attur ma kkwerelax l-ammont ta' Lm9,400 li l-konvenut isostni li inizjalment poġġa l-bank f'isem l-attur; iżda *jissupponi* li l-parti l-oħra tal-flus żammhom id-dar. Il-Qorti iżda toqgħod fuq provi, mhux suppożizzjonijiet.

[2] Dok PC2 a fol 1118

L-attur esebixxa numru kbir ta' *statements* ta' kontijiet fi ħdan l-Bank of Valletta f'isem il-konvenut u jippretendi li dawn huma flusu, u kkalkula eluf ta' Ewro bħala imgħax li suppost jieħu lura. L-attur isostni li l-konvenut ħallat flusu ma' tiegħu f'kontijiet li kellu mal-bank of Valletta plc. Il-konvenut stqarr illi l-*statements* tal-Bank of Valletta preżentati mill-attur huma kollha kontijiet tal-konvenut li l-attur m'għandux x'jaqsam magħhom. L-uniku kont bil-flus tal-attur huwa dak fi ħdan l-APS Bank li qiegħed fuq isem il-konvenut u dejjem kien jgħid lil familja tiegħu u lil ħutu illi jekk jiġi nieqes hu, dawk il-flus huma kollha tal-attur. Dan huwa korraborat fix-xhieda ta' ħuh Edwin Cachia illi ma ġiex soġġettat għall-kontro-eżami.

B'danakollu, anke fir-rigward ta' din l-allegazzjoni ta' mmiskjar tal-flus tal-atturi ma' dawk tal-knvenut m'hemm l-ebda evidenza tanġibbli li parti mill-flus jew il-flus kollha fil-kontijiet tal-Bank of Valletta f'isem il-konvenut huma fil-verita' tal-attur. Mhix prova x-xhieda ta' Claudia Coleiro li tiftakar li ommha Valerie Coleiro li hija oħt l-attur, kienet keċċiet lill-konvenut minn darhom peress li xlietu li l-flus tal-attur kien għamilhom tiegħu mingħajr ma qatt ta' rendikont lil attur. Ix-xilja ta' terz mhux bilfors tkun veritjera.

Skond Lydia Mifsud, id-diverbju beda rigward il-post tas-Sliema għax il-konvenut kien lest li jagħti l-flus lura lill-attur kemm-il darba dan tal-aħħar jiffirma sabiex il-post jinqaleb fuq isem il-konvenut. Il-konvenut kien semma' ċifra ta' €50,000, iżda l-attur ma kienx aċċetta din is-somma. Skontha, l-attur kien jaf li *x'aktarx* il-konvenut kien investa l-flus li kien qed iżommlu u kien qed juża l-imgħax tagħhom għall-gwadann tiegħu u hekk l-attur spiċċa bl-ebda sold biex jgħix u spiċċat tieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha tiegħu hi. Dejjem fi kliemha, l-attur qatt ma ħa l-ebda ammonti lura mingħand il-konvenut ħlief għal €18,000 mill-kont ġewwa l-APS Bank illi użat biex tirranġa u timla' l-post ta' San Ġwann bl-għamara.

Il-konvenut esebixxa kopja ta' paġna minn ktieb tal-bank tal-Bank of Valletta **fuq isem l-attur** li turi li fl-4 ta' Frar 2011 ġew depożitati €43,264 u kopja tal-aħħar paġna fit-22 ta' Ġunju (m'hemmx indikat l-annu iżda l-konvenut waqt ix-xhieda tiegħu jikkonferma illi s-sena kienet 2013) il-bilanċ f'dan il-kont niżel għal €140.62[3]. Flus li jidher li marru għand oħru Lydia. Valerie Coleiro xehedet ukoll illi oħtha Lydia kienet lesta ddur b'ħuha l-attur iżda "jien jekk indur bih irid

[3] Fol 1116 u 1117

jaqlagħli."[4] M'hemmx spjegazzjoni kif l-attur akkwista dawn il-flus; iżda ċertament dan il-kont juri li mhux il-flus kollha tiegħu kienu amministrati jew f'isem il-konvenut. Fi kwalunkwe każ ċertament li l-konvenut mhux responsabbli għall-amministrazzoni ta' dan id-depożitu.

Il-konvenut jgħid illi l-flus tal-attur li huwa gibed minn żmien għal żmien mill-kont tal-APS kien irtirahom fuq struzzjonijiet tal-attur għaliex l-attur kien jużahom biex jgħin finanzjarjament lil oħthom iż-żgħira Valerie Coleiro. Kien ilu jgħinha sa mill-1996 peress illi din isseparat minn mar-raġel u kienet bżonn il-flus biex tmanti lil uliedha. Dan ikkonfermatu Valerie Colerio stess li ġiet prodotta bħala xhud mill-konvenut u li ma ġietx soġġettata għall-kontro-eżami. Stqarret illi l-attur kien xtralha karozza kif ukoll kien iħallsilha l-liċenzja, l-assikurazzjoni kull sena u s-*service* tal-karozza kull meta jkun hemm bżonn. Kien xtralha ukoll *wall unit*, sufan, mejda għas-salott, bibien u mejda u siġġijiet għall-kċina. Kien iħallsilha ukoll kontijiet tad-dawl u l-ilma. Coleiro ppreżentat rendikont ta' dan kollu ammontanti għas-somma ta' Lm12,030 ekwivalenti għal €29,189[5]. Il-konvenut ippreżenta żewġ ċekkijiet oħra maħruġin mill-APS Bank lil Neville Mifsud li jiġi bin Lydia Mifsud, wieħed fl-ammont ta' €8,150[6] fl-24 ta' Awwissu 2010 u l-ieħor fl-ammont ta' €5,826.25[7] fl-14 ta' Marzu 2012. Dawn il-flus, Neville riedhom bħala rigal sabiex joħroġ mill-appartament ta' San Ġwann u jkunu jistgħu jidħlu minfloku, Lydia u l-attur. Ġie preżentat ċekk ieħor maħruġ lil Lydia Mifsud fl-ammont ta' €4,000 fil-11 ta' Mejju 2012. Dan huwa kkorraborat kemm mix-xhieda ta' ħuhom il-kbir Edwin Cachia u kemm mill-attur innifsu li kkonferma illi lil Lydia taha dawn il-flejjes u li għadu jtiha flus sal-lum bħala tpattija talli tieħu ħsiebu.

Il-konvenut xehed illi l-attur xi drabi kien itih xi ħaġa tal-flus biex jiddepożitahomlu iżda ma kellux ħafna minn fejn għaliex kien jgħin lil oħthom iż-żgħira Valerie u kien għamel spiża fid-dar tas-Sliema biex irranġa l-affarijiet biex Gaetana tkun tista' tibqa' d-dar. Il-funeral ta' ommhom ħallsu l-attur ukoll. Waqt il-kontro-eżami tiegħu, l-attur jgħid illi minn meta bdiet tieħu ħsiebu oħtu Lydia, ma poġġiex flus aktar il-bank, filfatt m'għandux iktar flus miġmugħin il-bank għax jagħti kollox lil Lydia.

Waqt il-kontro-eżami tiegħu, il-konvenut jgħid illi l-attur baqagħlu madwar €54,000 fil-pussess tiegħu u li dawn huma tal-attur (ċjoe` d-depożiti fl-APS Bank

[4] Fol 8 tax-xhieda ta' Valerie Coleiro a fol 1150

[5] Dok VC a fol 1142

[6] Dok PC a fol 1112

[7] Fol 1113

li ġew issekwestrati u ddepożitati l-Qorti). Meta l-attur talab flusu lura, il-konvenut ma sab ebda problema biex jagħtihomlu lura iżda l-attur ma qabilx ma din iċ-ċifra.

***Sunt tar-riżultanzi***

Illi għalhekk dak li jirriżulta lill-Qorti huwa li l-ammont ta' flus kontanti li kellu l-attur kien ta' Lm9,400. Il-konvenut ħa ħsieb jiddepożitahomlu f'kont fil-Bank of Valletta f'isem l-istess attur. Biż-żmien l-ammont iddepożitat tela' għal LM20,400[8]. Sa dan l-istadju, il-konvenut ma kien bl-ebda mod qiegħed jamministra flus l-attur. L-amministrazzjoni bdiet meta l-attur itrasferixxa dan l-ammont f'kont tal-APS intestat f'isem il-konvenut sabiex l-attur ikun jista' jibbenefika mir-*relief.* Il-flus li nġibdu minn dan il-kont jirriżultaw iswed fuq l-abjad mill-kontijiet esibiti. Ilkoll inġibdu fuq talba tal-attur biex jgħin liż-żewġ ħutu bniet. Il-konvenut qatt ma ħa xejn minn dawn il-flus. L-ammont ta' flus li l-konvenut għandu jagħti lill-attur huwa ta' €55,317 li kien il-bilanċ tal-kont tal-APS li ġie ddepożitat il-Qorti wara li l-attur kiseb il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontrih.[9]

Ma jirriżultax li l-konvenuta ħadet xi sehem attiv fl-amministrazzjoni ta' flus l-attur.

Illi l-attur qiegħed jitlob id-danni. Strettament fis-sistema legali tagħna d-danni minħabba ż-żamma ta' flus jistgħu jikkonsistu biss f'imgħaxijiet. Talba li ma tistax tiġi milqugħa għaliex il-konvenut qatt ma rrifjuta li jrodd lura l-flus tal-attur. B'danakollu, huwa stabbilit mill-ġurisprudenza tagħna li "f'każ li mill-fatti tal-kawża tirriżulta kawżali diversa minn dik dedotta fiċ-ċitazzjoni l-Qorti hija fakoltizzata li fejn jidhrilha tipprovdi fuq il-bażi tal-ekwipollenza jekk jinstab li hemm ekwivalenza loġika u bastanti biex wieħed ma jinkorrix f'nullita`[10]– Dan in omaġġ għall-ħsieb ispiratur traċċjat f'ħafna deċiżjonijiet li jevita kemm jista' jkun il-moltiplikazjoni u d-dilazzjoni tal-liti u jiskoraġġixxi l-formaliżmu riġidu li '*si attaccava con troppa severita` e poco riguardo all'amministrazione della*

[8] id-depożitu inizjali fl-APS kien ta' Lm20,400 datat 26.10.2005

[9] fil-24.04.2014 a fol 55

[10] Vol XXIX.iii.698 u Vol XLVIII.ii.777

*giustizia*.'[11] Dan japplika ċertament fejn il-fatti rilevanti għat-talba attrici rriżultaw kjarament.[12] Fil-każ preżenti jidher ċar li dak li tassew qiegħed jitlob l-attur huwa li l-konvenut iroddlu lura l-flus li kien qiegħed jamministralu;

***Dispożittiv***

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) tillikwida l-ammont li l-konvenuti għandhom iroddu lill-attur fis-somma ta' €55,317.

(2) tikkundannahom iħallsu lill-konvenut l-istess ammont. B'dan illi l-konvenuta hi obbligata tħallas biss minn sehemha tal-komunjoni tal-akkwisti jekk din teżisti bejnha u żewġha.

Billi din il-kawża saret bla bżonn, l-attur iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[11] Vol XXVI.i.424. Il-kwotazzjoni hija minn Design Elements Limited v. Michael Camilleri pro et noe, Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2004.

[12] G. Calleja v. Dr Jose' Herrera nomine, 5 ta' Ottubru 1992, Prim'Awla.